# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Lulju, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **49/2018**

**VODAFONE MALTA LIMITED**
[REG. NRU. C-10865]

***VERSUS***

**ZISA LOGISTICS MALTA LIMITED**
[REG. NRU. C-58321]

It-Tribunal;

Din hi sentenza dwar l-eccezzjoni ta' dezerzjoni mqanqla mill-konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha.[1]

L-aspetti fattwali ta' dan l-episodju processwali jistghu jigu elenkati kronologikament hekk kif gej:

**a.** B'Avviz tat-Talba mressaq nhar it-22 ta' Jannar, 2018, il-kumpannija attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha l-ammont ta' elfejn, erbgha mija, disa' u ghoxrin ewro u wiehed u disghin ewro centezmi (€2,429.91c) rapprezentanti servizzi rezi u provduti in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular bil-kont numru 1.10990360 fuq talba tal-konvenuta u ghall-beneficcju ta' l-istess. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni u dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali bin-numru 920/2017 u kif ukoll l-imghaxxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv;

[1] Skond l-Art. 936(3A) tal-Kodici ta' Procedura Civili, "*Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijieti msemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux*." Ghalkemm hawnhekk il-Ligi tghid li d-dezerzjoni ghandha tigi pronunzjata tramite digriet emess f'udjenza bil-miftuh, dan huwa hekk solament wara li jkunu nghataw ir-relattivi direttivi skond l-Art. 963(3) u il-proceduri bil-miktub jibqghu xorta wahda mhux maghluqa (i.e., il-konvenut jibqa' mhux notifikat). Fil-kaz *de quo*, qed tinghata sentenza peress li l-konvenuta ressqet risposta u formalment qanqlet eccezzjoni dwar dezerzjoni. Allura, il-materja ghandha tigi mistharrga permezz ta' sentenza li tinvesti fil-validità *o meno* ta' tali eccezzjoni u certament mhux b'semplici digriet – li, kif ghandu jkun saput, ma jista' qatt iservi biex jilqa' jew jichad eccezzjoni.

**b.** L-attrici harget tali Avviz tat-Talba ghan-notifika fl-indirizz «Triq il-Fortizza, Mellieha» hekk kif jidher fuq wicc l-istess Avviz u mill-*folder a fol*. 8 ta' l-atti processwali. Ir-riferta marbuta ma' tali notifika tindika tentattiv negattiv peress li din taqra "*Gone Away*" (ara *a tergo* ta' *fol*. 8). Sussegwentement, fit-22 ta' Frar, 2018, sar tentattiv iehor ta' notifika da parti ta' l-attrici fl-istess imsemmi indirizz «Triq il-Fortizza, Mellieha» (ara *a fol*. 10) u l-istess ma' tax frott pozittiv, b'din id-darba r-riferta relattiva taqra "*Ma sibtx l-isem tal-post fit-triq imsemmija*" (ara *a tergo* ta' *fol*. 10). Fis-27 ta' Marzu, 2018 l-attrici ghaddiet biex twettaq notifika wara l-hinijiet gudizzjarji fl-istess indikat indirizz (ara *a fol*. 11) u r-riferta relattiva taqra li "*Ma sibtx l-isem tal-kumpannija fit-triq imsemmija*". Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2018 id-difensur ta' l-attrici infurmat lit-Tribunal li ghadha qed twettaq tentattivi ta' notifika tal-konvenuta in vista ta' l-ahhar zewg riferti appena indikati;

**c.** Jidher illi l-attrici ghaddiet ghan-notifika tal-konvenuta bil-proceduri ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni kif kontemplat fl-Art. 187(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili hekk kif dezunt minn kopja ta' l-estratt mehud mill-Gazzetta tal-Gvern ezibit in atti (*a fol*. 13), mir-riferti li jindikaw il-procedura t'affissjoni (*a tergo* ta' *fol*. 14) u minn kopja ta' gurnal ta' kuljum (*a fol*. 16). L-indirizz indikat f'dawn l-atti huwa «Triq il-Fortizza, Mellieha». Madanakollu, l-imsemmija procedura t'affissjoni ma gietx kompletata stante li l-affissjoni ma' l-indirizz tal-konvenuta ma sehhx u r-riferta relattiv taqra li "*Ma sibtx l-isem tal-kumpannija fit-triq imsemmija*" (*a tergo* ta' *fol*. 14). Dan il-fatt gie senjalat fil-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018 u d-difensur ta' l-attrici infurmat lit-Tribunal illi "*ser tiehu hsieb tezawrixxi l-procedura ta' notifika permezz tal-affissjoni*" (*a fol*. 17);

**d.** Fl-udjenza sussegwenti, tat-2 ta' Lulju, 2018, gie formalment registrat li l-konvenuta kienet ghadha mhux debitament notifikata u d-difensur ta' l-attrici gharrfet lit-Tribunal li "*ser tkun qed tressaq rikors fl-atti ta' dawn il-proceduri marbut mal-kwistjoni ta' notifika tas-Socjetà Konvenuta*" (*a fol*. 21). Tali rikors tressaq fit-2 ta' Awwissu, 2018 (*a fol*. 22) li permezz tieghu gie rilevat illi – nonostante li fuq is-sit elettroniku tar-Registru tal-Kumpanniji u mill-*Memorandum & Articles of Association* tal-kumpannija konvenuta l-indirizz taghha huwa indikat bhala «Triq il-Fortizza, Mellieha» (*a fol*. 24) – l-istess kumpannija ghandha persuna wahda biss involuta fl-istruttura taghha, ossia certa Gertrude Spiteri, li hija l-unika direttur, l-unika azzjonista, l-unika segretarja tal-kumpannija u l-unika persuna li ghandha r-rapprezentanza legali/guridika ta' l-istess (*a foll*. 25–26). Ghalhekk, l-attrici talbet li n-notifika relattiva ssehh fl-indirizz ta' l-imsemmija Spiteri bhala l-unika direttur fi hdan il-kumpannija konvenuta, ossia fi «267, Flat 2, Triq ta' Masrija, Mellieha». Tali talba intlaqghet b'digriet datat 5 ta' Settembru, 2018 (*a fol*. 27);

**e.** L-attrici ghaddiet biex twettaq notifika tal-konvenuta fl-indirizz il-gdid «267, Flat 2, Triq ta' Masrija, Mellieha» (ara *a fol*. 28), izda tali tenattiv kien, ghal darb'ohra, negattiv bir-riferta ghalih relattiva tghid illi "*Gone Away*" (*a tergo* ta' *fol*. 28). Dan gie registrat fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 kif indikat fil-verbal relattiv (*a fol*. 29);

**f.** Fit-2 ta' Novembru, 2018, l-attrici harget notifika ulterjuri, din id-darba bil-purtier, fl-indirizz il-gdid «267, Flat 2, Triq ta' Masrija, Mellieha» (ara *a fol*. 30) u ghal darb'ohra ir-

riferta relattiva tghid illi "*Ma sibtx l-isem tal-kumpannija fit-triq imsemmija u m'hemmx l-isem tal-Flats*" (*a tergo* ta' *fol*. 30). Fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2018, kif indikat fil-verbal relattiv gie mnizzel li l-konvenuta kienet ghadha mhux debitament notifikata u allura l-procediment rega' gie differit ghan-notifika u aggornat ghall-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2019 (*a fol*. 31). F'din l-ahhar imsemmija udjenza gie regitrat l-istess verbal u l-procediment gie aggornat ghall-20 ta' Frar, 2019 (*a fol*. 32);

**g.** Fit-19 ta' Frar, 2019, l-attrici harget notifika ulterjuri, izda l-indirizz din id-darba kien «Maria Grazia, Flat 1, Ballut, Mgarr» (ara *a fol*. 34) u l-ezitu kien wiehed pozittiv hekk kif tixhed ir-riferta relattiva li tindika notifika datata 26 ta' Frar, 2019 (ara *a fol*. 35). Dan it-tielet indirizz gdid gie ottenut mill-attrici b'mod accidentali, u cioè li fil-kors ta' l-udjenzi tal-prezenti proceduri, id-difensur ta' l-attrici intebhet li kien hemm proceduri ohrajn quddiem dan it-Tribunal kontra l-istess konvenuta[2] u li f'tali proceduri ohra l-indirizz tal-konvenuta, ai finijiet ta' notifika, kien dak appena indikat. Allura, l-attrici ghaddiet biex tohrog notifika fl-indirizz «Maria Grazia, Flat 1, Ballut, Mgarr»;

**h.** Fit-12 ta' Marzu, 2019 il-kumpannija konvenuta ressqet risposta kontra l-pretiza attrici fejn, fost eccezzjonijiet ohra preliminari u ohrajn li jikkwerelaw il-mertu, issollevat l-eccezzjoni tad-dezerzjoni tal-proceduri "*u dana ghaliex in-notifika saret iktar minn sena minn wara li nfethu l-proceduri mis-socjetà attrici*" (ara tielet eccezzjoni *a tergo* ta' *fol*. 36).

**i.** Fl-udjenza ta' l-20 ta' Marzu, 2019 gie verbalizzat, *inter alia*, hekk: "*Peress illi fir-Risposta tal-Konvenuta hemm imqanqla eccezzjoni ta' dezerzjoni (ara t-tielet eccezzjoni) li min-natura taghha timplika illi, jekk akkolta, l-procediment jieqaf, ikun idoneu illi tigi intrattenuta tali eccezzjoni l-ewwel u qabel kollox*." (*a fol*. 37). Dakinhar il-procediment gie differit ghall-11 ta' April, 2019 ghat-trattazzjoni fuq tali materja. Fl-ahhar imsemmija udjenza, minflok trattazzjoni, l-attrici ressqet xi provi in konnessjoni mal-materja ta' dezerzjoni (ara *a foll*. 42–46) u l-procediment gie aggornat ghat-28 ta' Mejju, 2019 sabiex il-konvenuta wkoll tressaq provi u sabiex dakinhar issir trattazzjoni finali bil-fomm fuq l-imsemmija materja (*a foll*. 39–40);

**j.** Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2019 il-konvenuta ma ressqitx provi u sehhet trattazzjoni mid-difensuri tal-kontendenti dwar il-kwezit ta' l-eccipita dezerzjoni.[3] Dakinhar il-procediment thalla ghal provvediment[4] ghall-udjenza tal-lum (ara *a fol*. 47).

Katalogati kronologikament il-fatti saljenti ta' din il-vicenda procedurali, qabel kull approfondiment ulterjuri, it-Tribunal jemmen li hu mehtieg is-segwenti preambolu.

---

[2] *vide* **Charles Galea et v. Zisa Logistics Limited et** [referenza nru. 466/2018] li gew trasmessi minn dan it-Tribunal lil Bord li Jirregola l-Kera fid-9 ta' Jannar, 2019. Illum-il gurnata l-istess proceduri qed jissoktaw quddiem l-istess Bord.

[3] Ara *a foll*. 48–50 ghat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni.

[4] Ghalkemm il-verbal relattiv jitkellem dwar "provvediment" dan ghandu jittiehed fis-sens ta' "sentenza" u mhux ta' digriet, hekk kif diga' senjalat f'*footnote* nru. 1 *supra*. F'dan ir-rigward, interessenti ferm hi s-sentenza *in re* **Pietru Camilleri et v. Michael Portelli et** (Appell Superjuri, 27 ta' Gunju, 2016). Id-decizjoni tibda' billi tghid illi "*Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' deżerzjoni tal-appell imressqa mill-konvenut*" filwaqt li l-istess decizjoni taghlaq billi tghid li, "*Ikun utli li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat mir-reġistratur lill-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex tiġi senjalata din l-inkonsistenza fil-liġi dwar id-deżerzjoni.*" [enfazi mizjuda]

B'introduzzjoni generika, u kif jaraha dan it-Tribunal, jrid jinghad li ghalkemm huwa minnu li l-ispirtu tal-Ligi li toholoq il-prezenti Tribunal – li tirregolah u li tanimah fil-kors tal-procediment – hi intiza lejn certa informalità fl-andament tal-gbir tal-provi u t-tmexxija tal-kawza, numru ta' regoli bazilari u proceduralment fundamentali (li huma intrinsikament parti mit-tessut procedurali, u stadji relattivi, ta' kif ghandha titmexxa kawza) ghandhom dejjem, u necessarjament, jirrenjaw.[5]

Ikollu jigi mistqarr illi jekk certa grad ta' informalità tithalla tiehu s-soppravvent, l-istruttura gudizzjarja tat-Tribunal hi destinata tikkrolla fuqha nnifisha ghax frott l-informalità – almenu certa grad taghha – hi l-leggerezza u l-istess leggerezza taf twassal ghall-kontorsjoni ta' dak il-haqq u ta' dik il-gustizzja mistennija li tigi emessa minn enti gudizzjarja, immaterjali mill-grad ta' serjetà jew min-natura tal-kaz trattat. Inoltre, l-imsemmija leggerezza taf twassal ghal dizattenzjoni u insensittività, ossia dizattenzjoni f'dak li jikkoncerna l-andament procedurali (*ez.* li kawza mibdija tigi serjament segwita), dizattenzjoni ukoll f'dak li jirrigwarda l-materjal probatorju (*ez.* kif u meta jitressaq, il-kwalità tieghu u l-eventwali skrutinju ta' l-istess, fost ohrajn) u insensittività ghac-cirkostanzi pekuljari tal-fatti tal-kaz u tal-grajja processwali.[6] Dan japplika ghall-partecipanti kollha fil-process gudizzjarju, kemm ghall-partijiet u difensuri dinanzi ghat-Tribunal u kif ukoll ghat-Tribunal fil-konfront tal-kontendenti u r-rapprezentanti taghhom.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Bhal Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Ligi Sussidjarja 380.01 tippreskrivi kif jinkitbu l-atti promoturi tal-procediment quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u kif l-istess jitwasslu ghand il-kontro-parti. Hekk kif l-ewwel hames sub-incizi ta' l-Art. 156 tal-Kodici ta' Procedura Civili jghidu kif ghandu jigi redatt u konfezzjonat ir-rikors guramentat u s-sitt wiehed jghid li l-istess "*għandu jiġi notifikat lill-konvenut*", l-Art. 3(1) tal-imsemmija Ligi Sussidjarja jippreskrivi li l-parti li taghmel it-talba ghandha, fost hwejjeg ohra, timla u tipprezenta l-formola ghat-talba fir-Registru tat-Tribunal u tghaddi biex tinnotifika l-istess talba lill-konvenut. L-Art. 157 tal-Kodici ta' Procedura Civili jghid imbaghad illi ghandha tkun "*ir-responsabilità tal-attur li jieħu ħsieb li jiġi notifikat lill-konvenut ir-rikors ġuramentat, kull affidavit tal-attur u d-dokumenti annessi mar-rikors, u dawn għandhom jiġu notifikati permezz tar-Reġistratur.*" Fil-Ligi Sussidjarja ma tezistix disposizzjoni analoga ghal din, izda id-dmir tal-parti attrici quddiem it-Tribunal li hi dovuta twassal l-atti processwali minnha intavolati lill-parti avversarja huwa implicitu f'dak li hu preskritt fic-citat Art. 3(1) u kif ukoll fl-ahhar parti ta' dak dispost fl-Art. 3(2) meta jghid li, "*Dik it-talba għandha tiġi notifikata lil kull konvenut imsemmi fit-talba.*"[7]

---

[5] Wiehed hu mistieden jara, fejn jiswa, id-decizjoni *in re* **Robert Fenech v. Christian Bonnici** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 28 ta' Novembru, 2017; konfermata fl-appell fit-18 ta' Gunju, 2018).

[6] Hawnhekk jigi sottolinejat illi "*kull kaz ghandu fattispeci pekuljari ghalih u ma jkunx gust illi l-mertu tieghu ma jkunx ezaminat* a se stante *u deciz fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja, c-cirkustanzi individwali ta' kull kaz ma jistghux jigu injorati jew evalwati b'mod irrigidit u nflessibbli.*" (**Andrew Briffa v. Direttur tas-Sigurtà Socjali**, Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006). Fuq l-istess stregwa kienet id-decizjoni *in re* **Loris Bianchi pro et noe v. John Vella** (Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007) fejn intqal illi "*Tajjeb dejjem, però, li jinzamm in mira illi kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u dawn iridu jigu mistharrga fuq il-meriti jew id-demeriti taghhom*" u dik *in re* **Maria Victoria Zammit v. Direttur tas-Sigurtà Socjali** (Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009) fejn hemm imtenni li, "*Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u jrid per konsegwenza jigi ezaminat fil-kwadru tal-fattispeci pekuljari tieghu.*"

[7] Huwa principju rikonoxxut illi "*ir-responsabbiltà ghal fini ta' notifika ta' l-atti fiz-zmien stipulat bil-ligi tibqa' dejjem tal-parti*" (**Jesmond Sammut v. Peter Aquilina**, Appell Superjuri, 6 ta' Dicembru, 2002).

Madanakollu, mentri l-Kodici ta' Procedura Civili pozittivament jikkontempla certa termini entro liema l-istadju ta' l-iskritt ghandu jigi konkjuz (*ex* Art. 963 li jitkellem dwar id-dezerzjoni ta' kawzi), il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imsemmija Ligi Sussidjarja 380.01 huma kompletament siekta dwar dan l-aspett. Ghandu dan ifisser li l-istitut tad-dezerzjoni ma jezistix quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar?

It-twegiba, bla ebda sens t'ezitazzjoni, hi li dan it-Tribunal ma jarax kif l-istitut procedurali tad-dezerzjoni – ghalkemm mhux espressament kontemplat fil-Kapitolu 380 u l-indikata Ligi Sussidrjarja – m'ghandux ukoll isib applikazzjoni u thaddim fi procedimenti li jigu quddiemu.[8]

Kif jaraha dan it-Tribunal, nonostante dan is-sieket dwar il-materja, wiehed ma jridx jitlaq mill-premessa li ghax mhux espressament previst f'tali legislazzjoni specjali, l-istess istitut guridiku m'ghandux japplika u li, allura, kollox huwa konsentit f'dan ir-rigward ta' notifika lill-konvenuta. M'hemm xejn fl-imsemmi Kapitolu 380 jew fil-Ligi Sussidjarja li jostakola, jew li jimpedixxi, l-addozzjoni ta' normi procedurali kodifikati fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' normi ritwali guridici ohrajn li evolvew fid-duttrina forensi tal-qrati taghna. Per ezempju, ghalkemm il-Kapitolu 380 ma jipprospetta xejn (*eccetto* dak preskritt fl-Art. 8 tieghu), huwa ormai risaput illi l-Art. 231 tal-Kapitolu 12 (*viz*. appell f'kaz ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi fl-istess kawza) huwa applikabbli ghal sentenzi *in parte* tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.[9] Inoltre, ghalkemm il-Kapitolu 380 ma jippostula espressament xejn dwar l-istitut tal-kontumacja u dwar il-gustifikazzjoni taghha, l-istess huma ormai ben rikonoxxjuti bhala parti integrali mill-procediment quddiem l-istess Tribunal.[10]

Huwa f'dan id-dawl li trid tittiehed ir-rimarka maghmula *supra* dwar informalità (jew dwar leggerezza), u cioè li l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – li jidher li ezalta l-principju t'ekwità fi procediment gudizzjarju (*ergo*, certa grad t'informalità) – ma jridx jittiehed *a se stante* u in lontananza minn normi ritwali ohra rikonoxxuti u/jew kodifikati f'legislazzjonijiet ohra, basta li tali normi jattaljaw sew mal-procediment dinanzi ghat-Tribunal u ma jkunux pozittivament eskluzi.

B'dan registrat, it-Tribunal jikkunsidra ulterjorment hekk kif isegwi.

Permezz tal-prezenti decizjoni qed jigi indirizzat kwezit procedurali li, jekk akkolt, jarresta l-mixja 'l quddiem tal-process gudizzjarju *de quo* (izda mhux necessarjament il-jedd sostantiv ta' l-attrici[11]) u jekk michud, jissokta s-smigh tal-prezenti procediment.

---

[8] Issir referenza ghall-kaz *in re* **Awtorità Ghat-Trasport F'Malta v. Ronald Gerada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 12 ta' Dicembru, 2014) li fih gie trattat l-istitut ta' dezerzjoni kontemplat fl-Art 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

[9] F'dan is-sens wiehed huwa mistieden jara *in re* **Carmel Falzon et v. Dr Andrew Zammit et** (Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2007), *in re* **John Agius vs Champalin Company Limited** (Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2012); u *in re* **Top Drawer Limited v. Matthew Portelli** (Appell Inferjuri, 3 ta' Gunju, 2016).

[10] F'dan is-sens wiehed huwa mistieden jara *in re* **Wembley Crane Hire Limited v. Sergio Gauci** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Marzu, 2012) u, ricentement, *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

[11] Fis-sentenza *in re* **Direttur tal-Kuntratti v. Andrei Cassar** (Prim'Awla, 29 ta' Novembru, 2001) inghad hekk: "*L-effetti tad-dezerzjoni, fl-ewwel istanza, jkunu li l-kawza tintemm imma ma jintemmx maghha l-jedd li l-attur jibda' proceduri ohrajn godda dwar l-istess kwestjoni jekk kemm-il darba jkun ghadu fiz-zmien li jaghmel hekk*." Ara wkoll l-Art. 963(6) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jiddisponi li, "*Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma*

Id-dezerzjoni hi kontemplata f'diversi sub-incizi taht l-Art. 963 tal-Kodici ta' Procedura Civili. L-ewwel wiehed minnhom jiddisponi, *inter alia*, li, "*il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena*." Fit-tieni sub-inciz hemm maghdud illi, "*Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata*." Applikat ghall-kaz taghna, ghax ninsabu fl-ewwel grad, iz-zmien perentorju applikabbli huwa ta' sitt (6) xhur u tali zmien ghandu jiddekorri, skond il-Ligi, mill-introduzzjoni ta' l-Avviz tat-Talba, ossia mit-22 ta' Jannar, 2018.

Madanakollu, dwar l-ahhar imsemmi aspett (i.e., dekorriment tat-terminu mill-intavolar tal-kawza), il-qrati domestici sostnew li l-punt ta' tluq ghandu jkun minn meta l-avviz ta' smigh (f'kaz ta' proceduri quddiem il-qrati superjuri u dawk inferjuri) jinhareg ghan-notifika. F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara *in re* **Angela Debattista et v. Joanne Debattista et** (Prim'Awla, 19 ta' Settembru, 2011) li affermat hekk: "*Fir-realtà nafu li meta tigi prezentata kawza, ir-rikors guramentat ma johrogx minnufih ghan-notifika tal-konvenut. In-notifika tinhareg wara li jinghata digriet mill-qorti li lilha tkun giet assenjata l-kawza. Ovvjament l-attur m'ghandux kontroll meta l-qorti taghti ordni simili. Il-qrati, f'tentattiv biex jirrimedjaw ghal din l-anomalija, interpretaw dan il-provvediment li jfisser li s-sitt xhur jiddekorru minn meta l-avviz ta' smiegh jinhareg ghan-notifika*."[12]

Issa, f'dan il-kaz l-Avviz ta' Seduta inhareg fis-26 ta' Jannar, 2018 (ara *a fol*. 7) u ghalhekk kienu ghaddew biss erbghat (4) ijiem mid-data tal-prezentata tal-odjerna kawza sakemm it-Tribunal appunta l-kawza ghas-smigh b'digriet datat 23 ta' Jannar, 2018 (*a fol*. 5). Allura, teknikament, u strettament ma' dak dispost fis-sub-incizi *supra* citati, is-sitt (6) xhur kienu jibdew mis-26 ta' Jannar, 2018 (ara *a fol*. 7) u jghalqu nhar il-Hamis, 26 ta' Lulju, 2018. Fil-kaz tal-lum in-notifika lill-konvenuta[13] sehhet fis-26 ta' Frar, 2018, u cioè 'l fuq minn sena mill-hrug ta' l-Avviz ta' Seduta datat 26 ta' Jannar, 2018.

L-eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta ssib il-*fons et origo* taghha bazikament fil-kalkolu matematiku tal-mghodija ta' l-imsemmi zmien perentorju, fejn qed tikkontendi li – dejjem minghajr ebda pregudizzju ghal xi linji difensjonali ohra kontemplati fir-Risposta taghha (li b'din id-decizjoni qed jithallew impregudikati) – hi giet notifikata lil hinn miz-zmien sancit fil-Ligi u, allura, il-kawza prezenti hi kolpita minn dezerzjoni.

L-argument tal-konvenuta jattalja sew ma' dak dispost fl-ewwel zewg incizi fuq kwotati ta' l-Art. 963 tal-Kodici ta' Procedura Civili, izda l-Ligi ma tieqafx ma' tali zewg disposizzjonijiet izda tkompli.[14] Infatti, fit-tielet sub-inciz (sub-inciz sostitwit b'wiehed gdid bl-Att VIII ta' l-

---

*jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat*."

12 Ara wkoll, *inter alia*, **Distinct Conversions Limited v. Joseph Fasanelli et** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2003) u **Albert Mizzi noe v. Alfred Bartolo et** (Prim'Awla, 5 ta' Mejju, 2009)

13 Dan qed jinghad bla ebda pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta li tikkwerela n-notifika u liema materja ghad trid tigi ezaminata u determinata *a se stante*.

14 It-Tribunal ifakkar il-massima ta' "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio", u cioè illi kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar ottenuta (*optima interpretatio*) meta kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Riflessjoni ta' dan, fost

2007) wiehed jaqra illi, "*Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità*." Hawnhekk naraw kif il-legislatur patriju ipprovda espressament ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn ikun ghadda t-terminu perentorju ta' sitt xhur jew inkella ta' sena, u jikkoncedi opportunità ohra lill-parti attrici jew dik appellanti biex tittenta tinnotifika lill-parti konvenuta jew dik appellata bl-atti processwali lil hin minn tali termini. Dan issehh, kif gja' qrajna, billi "*il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità*."

Minn tali disposizzjoni jidher car li l-hsieb tal-legislatur huwa kontra l-fatt li kawza mibdija taqa' f'dezerzjoni u dan proprju ghaliex nonostante li t-termini perentorji fuq indikati jkunu lahqu skadew u l-istadju ta' l-iskritt ma jkunx ghadu konkjuz, il-legislatur affida diskrezzjoni lill-qrati sabiex jemettu ordnijiet specifici – imma ghal darba wahda biss – biex l-atti processwali jigu salvati mis-sanzjoni tad-dezerzjoni.[15]

Qabel l-emendi relattivi introdotti bl-Att VIII ta' l-2007, il-hsieb tal-qrati taghna ukoll kien f'dan is-sens, tant illi hemm bosta decizjonijiet li jirrimarkaw li l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu (ara *in re* **Mario Schembri et v. Dr. Anthony Galea Debono MD FRCPE et**, Prim'Awla, 5 ta' Gunju, 2003; **Distinct Conversions Limited v. Joseph Fasanelli et**, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2003; u **Georgina Borg v. Errol Cassar**, Prim'Awla, 14 ta' Frar, 2005). Addizzjonalment, kif ritenut *in re* **Giovanna Antida Casha pro et noe v. Anthony Casha** (Prim'Awla, 27 ta' Frar, 2003), "*Huwa car li l-principju li ghandu janima lill-gudikant, huwa dejjem dak ritenut mill-Qrati taghna illi tali istitut ta' dezerzjoni huwa ntenzjonat biss sabiex jippenalizza min ikun abbuza mill-proceduri quddiem il-Qorti, billi ma jimxix bil-ghaqal u jaghmel dak li ghandu jaghmel f'hin ragonevoli. Huwa car li l-principju li ghandu janima lill-gudikant, huwa dejjem dak ritenut mill-Qrati taghna illi tali istitut ta' dezerzjoni huwa ntenzjonat biss sabiex jippenalizza min ikun abbuza mill-proceduri quddiem il-Qorti, billi ma jimxix bil-ghaqal u jaghmel dak li ghandu jaghmel f'hin ragonevoli*."

---

ohrajn, jinsab rakkjuz fis-sentenza *in re* **Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et** (Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, disposizzjoni m'ghandiex tinqara u tigi nterpretata *in lontananza* mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjha peress li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Dan ir-ragunament irribadietu s-sentenza fl-ismijiet **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) fejn intqal illi, "*fil-waqt illi l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfissirx illi s-sinnifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghal interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt ...*" (ara wkoll **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

[15] "*F'materja ta' dezerzjoni – bhal f'kull materja ohra procedurali li b'xi mod tincidi fuq il-validità ta' l-atti u proceduri – il-ligi ghandha tigi interpretata b'mod ristrett u b'mod li, sa fejn hu possibbli li legalment hekk isir, jigu salvati l-atti jew il-proceduri*" (ara **Distinct Conversions Limited v. Joseph Fasanelli et**, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2003 u **Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Limited,** Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2003).

F’dan is-sens ara wkoll *in re* **Joseph Grima v. Victor Aquilina pro et noe** (Prim’Awla, 17 ta’ Frar, 2000).

Issa, fil-kaz tal-lum dan it-Tribunal ma hareg u ma emetta l-ebda direttiva jew ordni fuq il-parti attrici bhal dak mahsub fit-tielet sub-inciz ta’ l-Art. 963 tal-Kodici ta’ Procedura Civili. Mela ghalhekk, wiehed ma jistax validament jikkontendi li l-istanza attrici hi milquta minn xi dezerzjoni.

Hawnhekk issir referenza ghad-decizjoni *in re* **Angela Debattista et v. Joanne Debattista et** (Prim’Awla, 19 ta’ Settembru, 2011), li fiha inghad, *inter alia*, hekk: «*Certament li l-provvedimenti relatati mad-dezerzjoni tal-kawzi huma ntizi sabiex jizguraw li l-process jiehu l-kors tieghu u ma jkunx hemm bzonn dewmien bla bzonn. Attur li ma jiehux hsieb li jaghmel dak li hemm bzonn biex il-proceduri bil-miktub jinghalqu, ikun qieghed jilghab man-nar u jidhol fi spejjez bla bzonn* [... ... ...] *F’kull kaz pero l-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 jipprovdi li: “Jekk, ukoll jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bilmiktub f’kawza m’humiex maghluqa, il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista’ jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f’xi nuqqas ta’ notifika jew minhabba f’xi nuqqas ta’ twettiq ta’ xi procedura jew formalità.”. Mill-atti hu evidenti li l-qorti qatt ma tat provvediment taht l-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12. L-eccezzjoni ta’ dezerzjoni nghatat fid-19 ta’ April 2011 u ma jirrizultax li fis-seduta li kien imiss, dik tat-13 ta’ Mejju 2011, inghatat xi ordni skond din id-disposizzjoni tal-ligi* [... ... ...] *Hu evidenti li bis-sahha tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 il-qorti nghatat l-ghodda biex jigi evitat li kawza tmur dezerta. Gialadarba l-proceduri bil-miktub huma maghluqin, m’hemmx htiega li jinghata xi provvediment taht l-Artikolu 963(3). Din il-qorti tifhem li kif ghandha d-dmir taghti provvediment fil-kaz fejn is-sitt (6) xhur ikunu ghaddew u l-proceduri bil-miktub ikunu ghadhom ma ghalqux, ghandha d-diskrezzjoni li ma tiddikjarax il-kawza dezerta fejn jirrizulta li l-proceduri bil-miktub huma maghluqa minkejja li ghaddew sitt (6) xhur.*»

Inoltre, *in re* **Edward Pavia v. Austin Camilleri** (Appell Superjuri, 27 ta’ Gunju, 2014) il-Qorti lissnitha cara u tonda illi minn interpretazzjoni ta’ l-indikat Art. 963(3), la darba Qorti ma tkunx pprocediet skont is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 963, il-kawza ma tistax titqies dezerta u, allura, mankanti tali direttiva specifika, kawza ma tista’ qatt taqa’ dezerta jekk mhux in segwitu li l-qorti tkun tat dawk l-ordnijiet, ghal darba wahda biss, kif kontemplat fid-disposizzjoni in dizamina. In aggjunta, fis-sentenza *in re* **Pietru Camilleri et v. Michael Portelli et** (Appell Superjuri, 27 ta’ Gunju, 2016) inghad ukoll illi huwa obbligu tal-qorti li taghti dawk l-ordinijiet kontemplati fl-Art. 963(3) u dan ghax kliem il-legislatur huwa fl-imperattiv: “... *il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti* ...”. Ghalhekk, sostniet il-qorti fl-imsemmi kaz, “*ladarba l-ordnijiet li jrid l-art. 963(3) – kondizzjoni preċedenti għad-deżerzjoni taħt l-art. 963(3A) – ma kinux ingħataw, ma għandhiex tiġi dikjarata d-deżerzjoni.*”[16]

[16] Ghal kull bwon fini ssir referenza ghad-decizjoni *in re* residents **Association of the Bella Vista Court v. Joseph Montesin** (Appell Inferjuri, 16 ta’ Marzu, 2016) li fiha nsibu hekk: “*Fir-rigward tal-eccezzjoni ta’ dezerzjoni, jirrizulta li r-rikors tal-appell gie pprezentat fis-16 ta’ Mejju 2012 u notifikat fit-23 ta’ Settembru 2014. Madankollu mill-atti ma jirrizultax li sa dakinhar il-qorti kienet tat xi ordni bil-mod kontemplat fl-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12. Ghalhekk l-eccezzjoni ta’ dezerzjoni qeghda tigi michuda*.”

Kif rimarkat aktar qabel, dan it-Tribunal ma ta l-ebda ordni ghal notifika kif previst fit-tielet sub-inciz ta' l-Art. 963 tal-Kodici ta' Procedura Civili u konsegwentement, u kuntrarjament ghal dak eccepit u arguwit mill-konvenuta, l-istanza attrici ma tistax titqies bhala dezerta nonstante li n-notifika sehhet lil hinn minn sitt xhur kif fuq inghad. Hawnhekk, it-Tribunal jhossu li ghandu jirrimarka dik il-filosfija ta' hsieb riportata fid-decizjoni *in re* **Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nominee et** (Prim'Awla, 29 ta' Jannar 1970; mhux pubblikata) fejn inghad illi, "*Il-ligi, konsistentement mal-gustizzja u mas-serjetá u dinjitá taghha, ghandha sservi ta' strument socjali kostruttiv, li biha n-nies ghandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u hajja mhux dewmien evitabbli u ariditá li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilitá u scetticismu fil-poplu kontra l-ligi."* Inoltre, fid-decizjoni *in re* **Elmein Limited v. Paparukei Catering Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 4 ta' Frar, 2015) inghad hekk: "*r-rigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza.*"

In fine, u ghal dak li jiswa, mill-elenku fattwali riportat fil-bidu tal-prezenti decizjoni, jidher car li l-kumpannija attrici ma uriet l-ebda passività jew inerzja u l-ebda traskuragni meta pruvat tinnotifika lill-kumpannija konvenuta. L-agir taghha kien wiehed li juri diligenza u ghaqal, peress li, b'mod assidwu, ittentat diversi drabi tinnotifika u twassal l-atti gudizzjarji relevanti lill-konvenuta f'dak l-indirizz registrat ma' l-awtoritajiet koncernati (*viz*. «Triq il-Fortizza, Mellieha») u f'iehor tad-direttur uniku tal-konvenuta (*viz*. «267, Flat 2, Triq ta' Masrija, Mellieha»). Ultimament, ghalkemm b'mod accidentali, iltaqghet ma' indirizz iehor alternattiv (*viz*. «Maria Grazia, Flat 1, Ballut, Mgarr»«Maria Grazia, Flat 1, Ballut, Mgarr») fejn l-attrici setghet twettaq in-notifika u ghaddiet biex taghmel dan. Dan l-ahhar indirizz ma intuzax b'xi kapricc mill-kumpannija attrici, izda gie hekk utilizzat peress li fi proceduri ohra, distinti minn dawn, il-kumpannija konvenuta kienet laqghet in-notifika ta' atti gudizzjarji fih. It-Tribunal ma jara l-ebda ghemil censurabbli, anzi l-istess juri agir ta' parti pro-attiva, illi ghandha kull interess tipprosegwi b'kawza minnha inizjata.

**Ghaldaqstant**, fid-dawl tac-cirkostanzi fuq deskritti u abbazi tal-materjal lilu fornit dwar din il-materja, it-Tribunal qed jichad it-tielet eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta u jiddikjara l-kawza ma waqghetx f'dezerzjoni u, allura, jordna l-prosegwiment tas-smigh ta' dan il-procediment.

Kwalsiasi spejjez u/jew drittijiet gudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju huma rizervati ghall-gudizzju finali.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*